# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2001**

**Numru 27**

**Citaz. numru 73/93DS**

Vincenza Vassallo, u b'digriet ta' l-10 ta' Marzu 1998 l-atti gew trasfuzi f'isem Rose,xebba, Vassallo, flok Vincenza Vassallo li mietet fil-mori tal-kawza

vs

L-Arkitett u Inginier Civili Edgar Caruana Montalto, u Theresa Caruana Montalto ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' "Boylan Ltd"

Illum, 23 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-21 ta' Jannar 1993 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet:

Illi b'kuntratt tat-tlieta (3) ta' Novembru tal-elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) fl-Atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello (Dok "A"). l-attrici jidher li bieghet u kkoncediet b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lis-socjeta' konvenuta l-appartament li jinsab fir-raba' sular internament markat bin-numru sebgha (7) u l-pertinezi tieghu. Ilkoll formanti parti minn korp ta' appartamenti minghajr numru, imma li jgib l-isem ta' "Capua Court", b'faccata fuq triq privata minghajr isem li tisblokka fuq Triq il-Kbira, Tas-Sliema, kif f'dak l-istess kuntratt ahjar deskritta; u kif ukoll jidher li assenjat lis-socjeta' konvenuta l-jeddijiet patrimonjali taghha fuq l-imsemmija beni immobbli, kif jidher imsemmi fl-istess kuntratt; u dan versu l-prezz ta' hamest elef seba mija u hamsin lira (Lm5,750);

Illi l-attrici ghalkemm dehret fuq l-att imsemmi, ma kellha qatt sehem f'dak li sar precedentement ghall-imsemmija pubblikazzjoni, u lanqas kellha ideja li l-l-immobbli fuq deskritt kienet qeghda tikkoncedieh taht titolu ta' bejgh u ta' enfitewsi perpetwa;

Illi f'dik l-epoka, l-Arkitett Edgar Caruana montalto, fil-kwalita' tieghu personali, kellu prokura generali tal-attrici (Dok. "B"), liema Prokura giet sussegwentement revokata, kif ghandu jigi ppruvat waqt is-smigh;

Illi ghalhekk, il-kunsens moghti mill-attrici meta ffirmat l-imsemmi kuntratt, kien vizzjat minhabba zball ta' fatt li jaqa' fuq is-sostanza nnifisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim, u kif ukoll minhabba li kien karpit b'qerq da parti tal-istess socjeta' konvenuta, billi ngannat lill-attrici dwar il-vera natura tal-att li kien qieghed jigi redatt;

Illi wkoll l-imsemmi kuntratt huwa vizzjat minhabba nuqqas ta' konsiderazzjoni, peress li l-prezz imsemmi fil-kuntratt ma thallasx lill-attrici;

Illi ghalhekk l-imsemmi kuntratt huwa null u bla effett;

Illi s-socjeta' konvenuta naqset li tersaq ghall-att mehtieg ta' rexissjoni tal-imsemmi kuntratt, ghalkemm interpellata ufficjalment ghal dan il-ghan;

talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt tat-3 ta' Novembru 1988, fl-att tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello, (Dok. "A") li permezz tieghu l-attrici bieghet u kkoncediet lis-socjeta' konvenuta l-appartament numru 7 formanti parti mill-korp "Capua Court", u l-pertinenzi kollha tieghu, u assenjat il-jeddijiet patrimonjali taghha kollha fuqu lilhom nomine, huwa null u bla effett, billi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat minn zball ta' fatt li jaqa' fuq is-sostanza

nnifisha tal-haga li kienet l-oggett tal-ftehim, billi l-istess kunsens kien karpit b'qerq, u kif ukoll minhabba li l-istess att kien simulat a kawza ta' nuqqas ta' konsiderazzjoni;

2. tordna ghalhekk, li l-istess kuntratt jigi rexiss ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

3. tinnomina Nutar sabiex jircievi l-opportun att ta' rexissjoni, u Kuraturi sabiex jirrapresentaw lill-eventwali kontumaci, filwaqt li tipprefiggi l-jum, il-hin u l-lok ghall-pubblikazzjoni tal-imsemmi att.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu 1992, kontra l-konvenuti nomine, ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-Arkitett u Inginier Civili Edgar Caruana Montaldo proprio fejn qal:

1. Illi jehtieg issir korrezzjoni fil-kunjom tal-konvenut proprio minn "Montalto" ghal "Montaldo";

2. Illi huwa personalment ma kienx parti fuq il-kuntratt u ma jistax ikun konvenut personalment f'Citazzjoni li qed tipprova tattakka Att fuq liema Att ma kienx intervjena f'ismu proprju;

3. Illi filwaqt illi jirriserva illi jispjega fuq kull fejn gie imsemmi fil-kwalita tieghu personali fic-Citazzjoni u d-Dikjarazzjoni attrici, jeccepixxi

konsegwentement li ghandu jigi liberat mit-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti l-Arkitett u Inginier Civili Edgar Caruana Montaldo u Theresa Caruana Montaldo it-tnejn ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Boylan Limited fejn qalu:

1. Illi jehtieg issir korrezzjoni fil-kunjom tal-konvenuti nomine minn "Montalto" ghal "Montaldo";
2. Illi l-azzjoni attrici hija perenta a tenur ta' l-artikoli 1222(1) u 1222 (2) tal-Kodici Civili;

3. Illi mhu minnu xejn illi l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat minhabba zball ta' fatt li jaqa' fuq is-sostanza nnifisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim; lanqas huwa minnu li kien karpit b'qerq da parti ta' l-istess socjeta' dwar il-vera natura tal-att li kien qieghed jigi redatt;

4. Illi mhu minnu xejn illi l-kuntratt huwa vizzjat minhabba nuqqas ta' konsiderazzjoni ghaliex il-prezz thallas realment;

5. Illi ghalhekk il-kuntratt impunjat huwa perfettament validu u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Mejju 1993 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Giannino Caruana Demajo bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tal-25 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali li gie elevat ghall-gudikatura gie sostitwit l-Avukat Dottor Philip Sciberras;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fil-5 ta' Novembru 1999;

Rat in-nota tal-konvenuti tad-9 ta' Novembru 1999 fejn talbu l-hatra ta' periti addizzjonali;

Rat il-verbal tax-xiehda tal-konvenut A.I.C. Edgar Caruana Montaldo fejn talab li minflok nomina ta' periti addizzjonali l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-attrici kienet intavolat l-azzjoni taghha ghax-rexissjoni tal-kuntratt notarili tat-3 ta' Novembru 1988, fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello u li permezz tieghu kienet bieghet u kkoncediet in enfitewsi perpetwa lis-socjeta` konvenuta

l-appartament internament markat numru sebgha (7) fil-korp ta’ appartamenti bla numru imma bl-isem ta’ Capua Court u b’faccata fuq triq privata bla isem li tizbokka fuq Triq il-Kbira, Sliema. It-talba ghamlitha fuq kwistjoni ta’ vizzju tal-kunsens taghha li kellha bazi duplici, cioe’ zball ta’ fatt u qerq. Ukoll kienet qieghda tippretendi li l-kuntratt in kwistjoni kellu jigi rexiss abbazi wkoll ta’ simulazzjoni minhabba li ma thallasx il-prezz.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali kkunsidra li l-attrici rnexxielha tipprova li l-kunsens taghha fuq l-att impunjat kien vizzjat u dan wara li ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

<u>*Konsiderazzjonijiet legali*</u>

Huwa qal li r-rexissjoni kienet differenti min-nullita` u mir-rizoluzzjoni, tant li l-ligi nnifisha kienet tipprovdi ghalihom taht kapijiet differenti. Ukoll fis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Gunju 1965, fl-ismijiet **Emmanuele Calleja vs Joseph Grech** (Vol. XLIX.ii.955) inghad *“id-differenza hi cara in kwantu fin-nullita` l-kuntratt ma jkun qatt ezista, fir-rexissjoni l-kuntratt, ghalkemm validu, ikun difettuz u ghalhekk annullabbli, mentri fir-rizoluzzjoni l-kuntratt ikun perfett imma semplicement soggett ghax-xoljiment fil-kaz li xi wahda mill-partijiet ma tissoddisfax l-obbligazzjoni taghha”.*

Ir-rekwiziti essenzjali biex kuntratt ikun jiswa huma stabbiliti mil-ligi permezz ta’ l-artikolu 966 tal-Kodici Civili. L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ittrattat il-kwistjoni fis-sentenza fl-ismijiet **Gaetano Spiteri vs Carmelo Spiteri et** moghtija fit-28 ta’ Gunju 1957 (Vol. XLI.i.412).

Zball

Imbaghad l-artikolu 975(1) tal-Kodici Civili jghid li zball ta' fatt ma jgibx in-nullita` jekk ma jaqax fuq is-sustanza nnifisha tal-haga oggett tal-ftehim. Il-gurisprudenza taghna hi konkordi li l-izball irid ikun sostanzjali u skuzabbli.

Issa l-kriterju addottat mill-Qrati taghna dwar xi tfisser "sustanza" fit-test tal-ligi hu dak soggettiv, cioe` li wiehed kellu jezamina kif gie konsiderat l-oggett tal-konvenzjoni mill-kontraent li jagixxi biex jinvalida l-ftehim (**Carmelo Formosa vs Salvatore Scicluna** Qorti tal-Kummerc, 15 ta' Frar 1950, Vol. XXXIV.iii.753; **Av. Dottor Giuseppe Agius noe vs Francesco Saverio Vassallo et noe** App. 13 ta' Gunju 1921, Vol.XXIV.i.1131; **Doris Ellul vs Rear Admiral Kilburn** Appell Civili 6 ta' Lulju, 1968). Pero` kif evidenti mis-sentenza rapportata Vol. XXXIV.iii.753 u f'dik moghtija fil-11 ta'Gunju 1992, mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Spiridione Cauchi vs Amelia Borg et**, kien hemm diskordanza dottrinali fir-rigward.

Il-Qrati taghna wkoll ritenew li l-izball kellu jkun wiehed determinanti (**Michael Cachia vs Dr. Frank X. Vassallo** App. Civ. 20 ta' Ottubru 1961 u **Emanuel Cutajar vs Carmelo Petroni** App. Civ. 15 ta' Lulju 1969).

Ukoll l-izball kellu jkun skuzabbli, cioe` meta jkun kawzat mill-parti l-ohra (Giorgi, Obbligazioni Vol. III para 269, **Annunzjata Busuttil vs Salvatore Busuttil** Prim'Awla 23 ta' Novembru, 1966, Vol. L.ii.434 u **Francis Penza vs John Mallia** Qorti ta' l-Appell tas- 6 ta' Mejju, 1991).

<u>Qerq</u>

Il-fattur ta' qerq jipprovdi ghalih l-artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Dicembru 1919, Vol. XXIV.i.203 fl-ismijiet **Innocenzo Galea vs M. Zammit** , gew insenjati l-principji kardinali fir-rigward tad-dolo f'materja civili. Dawn kienu s-segwenti:

(a) li l-inganni kienu l-kawza determinanti li taw lok ghall-ftehim (**Teresa Galea vs Salvatore Bonnici** Vol. X.592 u **Alice Cassar Torreggiani vs Albert R. Manche** App. Civ. 17 ta' Marzu 1958, Vol. XLII.i.126);
(b) l-ezistenza ta' element specifiku kostitwit mill-ingann uzat (**Giovanni Farrugia Gay vs Emmanuele Farrugia Gay** Prim'Awla, 3 ta' Mejju, 1921, Vol. XXIV.ii.578);
(c) in-necessita' tal-prova tad-dolo jew frode minn min jallegah (**Joseph Mifsud noe vs Paul Tanti** , Prim'Awla, 4 ta'Frar 1965, Vol. XLIX.ii.722, **Joseph Galea et vs AIC Walter Caruana Montaldo** Appell Civili, 14 ta' Mejju 1971).

<u>Nuqqas ta' kunsiderazzjoni</u>

Peress li r-rexissjoni tippresupponi att inezistenti, ghalhekk tista' tidderiva minn simulazzjoni (Vol. XLIX.ii.847 u **Francesco Tewma vs Luigi Camilleri et**

Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol. X.912), b'dana li fid-dottrina ssir distinzjoni bejn simulazzjoni assoluta u dik relattiva (**Profs. Carlo Oreste Strocco vs Pietro Baldassare Contini et** Prim'Awla, 8 ta' Novembru, 1952, Vol. XXXVI.ii.550; **Rocco Cachia vs Orenzio Hili** App. Civ. 12 ta' Marzu, 1976; **Giovanna Cachia noe vs Assuero Gauci** App. Civ. 23 ta' Ottubru, 1987).

Jekk zball fuq il-valur tal-haga gie ritenut bhala zball li ma jaqax fuq is-sustanza izda fuq kwalita` accidentali ta' dik il-haga u ghalhekk ma jinvalidax il-kunsens (Vol. XIII. 637; Vol. XXXII.ii.223) min-naha l-ohra meta l-att jigi attakkata minhabba simulazzjoni l-konsiderazzjoni monetarja ndikata fil-kuntratt iggorr piz probatorju ta' certa portata meta ad exemplum il-prezz indikat ma jirriflettix il-valur reali (**Gio Batta Gauci vs Andrea Cauchi**, Prim'Awla, 29 ta' Jannar 1945; **J. Vassallo et vs C. Camilleri**, Prim. Awla, 28 ta' Frar 1995). Del resto s-simulazzjoni hi forma ta' frodi (Vol. XXXVII.797) multo magis imbaghad fejn jirrizulta illi dan lanqas biss thallas jew ghadda minn kontraent ghall-iehor.

Ir-ricerka jekk zball jew ghemil doluz huwiex determinanti hija wahda ta' fatt li ghandha tigi meqjusa fic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz (**Emmanuel Sciberras vs Nobbli Nazzareno Zimmermann Barbaro** Prim'Awla, 13 ta' Frar 1946, Vol. XXXII.ii.223).

*Konsiderazzjonijiet fattwali*

Fost diversi osservazzjonijiet maghmula mill-perit legali, huwa jghid li skond l-istqarrija tal-konvenut, il-konvenju kien wiehed *standard form* ittajpjat minnu u li s-soltu kien jintuza mill-attrici sabiex tbiegh ic-cnusijiet. F'dan il-konvenju

l-attrici kienet tidher li ffirmat ghan-nom ta' Rose Vassallo u mhux f'isimha proprju. Ma kien hemm l-ebda riferenza ghall-prezz miftiehem. Evidentement il-konvenju ma kienx sar minn persuna professjonali.

Osserva wkoll li la fil-konvenju u lanqas fil-kuntratt ma kien gie stipulat li s-somma kellha tkun il-kumpens tal-konvenut ghas-saldu tad-drittijiet professjonali, ecc. rezi minnu, kif allegat mill-konvenut. Min-naha taghha l-attrici kienet ghamlet diversi spejjez sabiex l-appartament suggett tal-kuntratt in kwistjoni jerga' jinkera. Imbaghad skond dak li qalet l-istess attrici wkoll, hi kienet ghaddiet is-somma ta' Lm9000 lill-konvenut sabiex dan jixtri f'isimha l-feles art hdejn Capua Court, b'dana li rrizulta li hu kien xtraha f'isem Boylan Limited.

Ghalkemm fl-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta stqarret li l-prezz ghall-appartament kien thallas, il-perit legali nnota li dan ma kienx jirrizulta.

Hu rritjena li meta wiehed jiehu kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-attrici irnexxielha tipprova li l-kunsens taghha kien vizzjat meta sar il-kuntratt in kwistjoni. Il-perit legali rrifera ghas-segwenti punti in sostenn tal-konkluzjoni tieghu:

(a) Jekk kif qal il-konvenut l-attrici riedet tpattilu ghas-servigi, ghaliex il-kuntratt sar mas-socjeta` Boylan Limited?

(b) Ghaliex il-kompensazzjoni tas-servigi mal-prezz diskussa skond il-konvenut qabel l-iskritturi ma kenitx inserita fil-konvenju u lanqas fil-kuntratt?

(c) Ghaliex is-socjeta` konvenuta kienet qieghda tinsisti li l-prezz thallas meta dan ma kienx il-kaz, b'dana li skond ma qal il-konvenut dan kellu jservi bhala kompensazzjoni?

(d) Ghaliex l-attrici sabiex tpatti mieghu kienet accettat li tassenja proprju l-appartament imsemmi?

(e) Ghaliex kien hemm l-ghaggla sabiex isir il-kuntratt finali?

Il-perit legali ma setax ukoll ma josservax il-fatt preponderanti li l-attrici kellha fiducja ghamja fil-konvenut. Fatt li ammettietu l-mara tieghu stess.

Eccezzjoni tal-preskrizzjoni

Fl-ewwel lok il-perit legali ghamel riferenza ghall-artikoli rilevanti tal-ligi, cioe` l-artikoli 1222(1), 1222(2) u 1223(1) tal-Kodici Civili. Huwa kkunsidra li l-attrici kienet biss skopriet il-kontenut tal-kuntratt f'xi zmien wara l-4 ta' Settembru, 1990, u dan b'riferenza ghax-xhieda ta' Therese Debono li qalet li hi kienet ezaminat il-kuntratt in kwistjoni wara li gie pprezentat lilha mill-attrici xi zmien wara din id-data, cioe` d-data tal-kuntratt ta' rexissjoni tad-dar Louiseanne ta' Hal-Balzan. Tenut kont tal-fatt li l-attrici kienet ipprezentat l-ittra ufficjali taghha fis- 27 ta' Marzu, 1992, wasal ghall-konkluzjoni li l-eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Ghal dak li kien jirrigwarda l-eccezzjoni tal-konvenut li hu ma kellux ikun parti fil-kawza, din kellha tigi milqugha ghaliex hu ma kienx parti fuq il-kuntratt in kwistjoni.

**Konsiderazzjonijiet u konkluzjoni**

Il-Qorti, wara li ezaminat dak kollu sottomess mill-perit legali, il-provi kollha migjuba, id-dokumenti esibiti, u n-noti ta' sottomissjonijiet, taqbel kemm mal-konsiderazzjonijiet migjuba mill-perit legali, kif ukoll il-konkluzjoni raggunta minnu. Izzid tosserva wkoll:

1. Jekk hu tassew veru li l-kuntratt ta' rexissjoni ta' dawk iz-zewg kuntratti notarili tad- 19 ta' Ottubru 1989, u tas-16 ta' Novembru 1989, kien proprju ghar-ragunijiet allegati mill-konvenuti, l-attrici alura kellha tghaddi lura l-flus li skond dawk l-istess kuntratti hi kienet irceviet minghand is-socjeta` attrici. Jinghad li fix-xiehda taghha tat-3 ta' Novembru 1995, Therese Debono iddikjarat li hi ma kenitx rat xi flus ighaddu dakinhar li sar il-kuntratt ta' rexissjoni. U fil-fatt l-ebda prova ma ngabet fir-rigward mill-konvenuti, kif ukoll ma ngabet l-ebda prova minnhom sabiex jissostanzjaw li s-socjeta` konvenuta kienet ghaddiet l-prezz tat-trasferiment lill-attrici. Mill-banda l-ohra ghac-cens imhallas fuq l-appartament gewwa Capua Court ipprezentaw kopji tac-cekkijiet relattivi.

2. Skond id-Dok. E (notification of changes among directors) anness ma' affidavit ta' Edgar Caruana Montaldo ta' l-10 ta' Jannar 1997, huwa kien irrizenja minn direttur ta' Boylan Ltd. b'effett mis-17 ta' Settembru 1988. Kif jispjega li skond il-kuntratt ta' rexissjoni ta' l-4 ta' Settembru 1990 huwa

deher fuq l-istess kuntratt f'isem dik is-socjeta` wara rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi iffirmata fit-3 ta' Settembru 1990 minnu bhala wiehed mid-diretturi?

3. U kif tista' Teresa Caruana Montaldo tghid li ma tafx jekk zewgha kienx direttur meta hi ffirmat l-imsemmi rizoluzzjoni flimkien ma' zewgha? U jekk Teresa Caruana Montaldo *" as Director of Boylan Ltd., had full responsibility as regards all important decisions, dealings and final signing of both contracts with Vincenza Vassallo in connection with Flat 7, Capua Flats at High Street corner with Borg Olivier Street, Sliema. I was duly authorised, to do so, by a company resolution dated 2nd November 1989"* ghaliex qalet li *'I suppose that the terms of the contract were discussed between plaintiff and my husband. I was not involved in the discussions'*. Ma jistax wiehed ma jinnotax certi inkonsistenzi fix-xiehda taghha.

4. Il-konvenuti jsostnu li x-xhieda ta' Therese Debono mhiex kredibbli. Il-Qorti ma tarax ghalfejn Therese Debono m'ghandhiex tigi emnuta. Ix-xhieda taghha hi wahda cara u inekwivoka, u jigi osservat li l-konvenuti ma ghamlu l-ebda tentattiv sabiex jippruvaw l-inkonsistenza ta' din ix-xhud

5. Ghalkemm in-Nutar Mario Rosario Bonello fis-seduta tat-23 ta' Settembru 1996, xehed li ma kienx jidhirlu li sar konvenju u lanqas ricerki qabel l-att finali in kwistjoni, fix-xhieda tieghu tas-16 ta' Ottubru 1997, il-konvenut qal li kien sar konvenju u wkoll ricerki fuq inkarigu tieghu min-Nutar Dott. Mario Rosario Bonello. Ma ngabet l-ebda prova dokumentarja dwar dan.

6. Il-konvenut bl-ebda mod ma pprova jiggustifika r-raguni ghaliex inxtara feles art adjacenti ta' l-appartament gewwa tas-Sliema f'isem Boylan Ltd. meta jidher li dan il-feles kellu jinxtara f'isem l-attrici. U lanqas ma gab prova li hu kien ghadda l-prezz tal-appartament kif stipulat fil-kuntratt in kwistjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut Arkitett u Inginier Civili Edgar Caruana Montaldo proprio u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attrici, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Boylan Ltd. u ghalhekk:

(1) Tiddikjara li l-kuntratt tat-3 ta' Novembru 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello (Dok. A anness mac-citazzjoni) li permezz tieghu l-attrici bieghet u kkoncediet lis-socjeta` konvenuta l-appartament numru sebgha (7) formanti parti mill-korp "Capua Court" f'tas-Sliema, u l-pertinenzi kollha tieghu, u assenjat il-jeddijiet patrimonjali taghha kollha fuqu lis-socjeta` konvenuta, huwa null u bla effett, billi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat minn zball ta' fatt li jaqa' fuq is-sostanza nnifisha tal-haga li kienet l-oggett tal-ftehim, billi l-istess kunsens kien karpit b'qerq, u kif ukoll minhabba li l-istess att kien simulat a kawza ta' nuqqas ta' konsiderazzjoni;
(2) Tordna li l-istess kuntratt jigi rexiss ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

(3) Tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius sabiex jircievi l-opportun att ta’ rexissjoni u tinnomina lill-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci. Il-pubblikazzjoni ta’ l-att ghandu jsir fil-15 ta’ Novembru 2001 fil-11.30 a.m. fl-edifizzju tal-Qorti jew f’dak il-jum, hin u lok alternattiv li l-Qorti tawtorizza fuq rikors ta’ xi hadd mill-partijiet.

Bl-ispejjez, salv dak li nghad fuq, kontra s-socjeta` konvenuta.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur